IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.11.2013
COM(2013) 821 final

2013/0407 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali

{SWD(2013) 478 final}
{SWD(2013) 479 final}
{SWD(2013) 500 final}

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. INTRODUZZJONI

1. Din il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandha l-għan li ssaħħaħ ċerti aspetti tad-dritt ta’ persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali fl-Unjoni Ewropea kollha li jitqiesu innoċenti sakemm jinstabu ħatja permezz ta' sentenza finali u li ssaħħaħ id-dritt li persuna tkun preżenti waqt il-proċess tagħha.

2. Fid-dawl tal-Artikolu 82(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (“TFUE”), ir-rikonoxximent reċiproku għandu jkun il-pedament tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, jiġifieri, li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji meħuda fi Stat Membru wieħed għandhom jiqiesu bħala ekwivalenti għal xulxin kull meta tittieħed dik id-deċiżjoni, u għalhekk infurzabbli kullimkien fl-UE. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja teħtieġ li tkun ibbażata fuq il-fiduċja u l-kunfidenza reċiproċi bejn id-diversi sistemi ġudizzjarji differenti u l-perċezzjoni li d-drittijiet tal-persuni suspettati jew akkużati mhumiex rispettati f’kull każ għandha effett detrimentali sproporzjonat fuq il-fiduċja reċiproka u, konsegwentement, fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja.

3. F’dan il-kuntest, il-Programm ta’ Stokkolma[1] jpoġġi enfasi qawwija fuq it-tisħiħ tad-drittijiet tal-individwi fi proċedimenti kriminali. Fil-punt 2.4, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti, biex tistabbilixxi approċċ pass pass għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-persuni suspettati jew akkużati billi jiġu stabbiliti standards minimi komuni dwar id-drittijiet għal proċess ġust.

4. Diġà ġew adottati tliet miżuri: Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali[2], id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali[3] u d-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2013 dwar id-dritt ta’ aċċess għas-servizzi ta’ avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta’ mandat ta’ arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma’ partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà[4]. Il-miżuri dwar il-protezzjoni ta’ persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali huma ppreżentati bħala pakkett ma' din l-inizjattiva, flimkien ma’ Direttiva dwar għajnuna legali proviżorja għal persuni suspettati jew akkużati mċaħħda mil-libertà u l-għajnuna legali fi proċedimenti dwar il-mandat ta’ arrest Ewropew.

5. Barra minn hekk, fl-14 ta’ Ġunju 2011 il-Kummissjoni ppubblikat Green Paper dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ġustizzja kriminali fil-qasam tad-detenzjoni biex tirrifletti fuq modi biex jissaħħu l-fiduċja reċiproka u l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tad-detenzjoni, skont u fil-limiti tal-kompetenza tal-UE.

---

1 ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.
2 ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1.
3 ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1.
4 ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1.

6. L-iskop tal-eżerċizzju kollu tal-aġenda tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet proċedurali huwa li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal proċess ġust fl-Unjoni Ewropea. Il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, flimkien mad-drittijiet relatati tiegħu, jikkontribwixxi biex jiżgura d-dritt għal proċess ġust. Diversi drittijiet ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali stabbiliti mid-Direttivi tal-UE msemmija hawn fuq matul l-aħħar ftit snin, bħal pereżempju d-dritt għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni, id-dritt għall-informazzjoni u d-dritt għall-aċċess għal avukat mhumiex l-għanijiet infushom. Dawn għandhom għan usa'; huma pjuttost għodod biex jinħoloq il-prinċipju tad-dritt għal proċess ġust. Il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet relatati jikkontribwixxu għaliha. Fil-każ ta' ksur persistenti tal-preżunzjoni tal-innoċenza fl-Istati Membri, l-għanijiet tal-aġenda tad-dritt proċedurali ma jkunux jistgħu jintlaħqu kompletament.

7. Huwa għal din ir-raġuni li, fil-Programm ta' Stokkolma, il-Kunsill Ewropew stieden espressament lill-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjoni tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

8. Il-Kummissjoni għamlet analiżi bir-reqqa ta' din il-kwistjoni fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha u kkonkludiet li hija meħtieġa miżura dwar ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza sabiex jissaħħaħ dan id-dritt fundamentali. L-għanijiet kumplessivi tal-miżuri li diġà ġew adottati fil-qasam tad-drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali, inkluż l-istrument ewlieni tiegħu li huwa d-Direttiva dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat, għadhom jeħtieġu li ċertu livell minimu ta' protezzjoni tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza jiġi garantit fl-Istati Membri kollha tal-UE.

9. Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 82(2) TFUE. Dak l-Artikolu jistabbilixxi li "[f]ejn ikun meħtieġ sabiex jiġi faċilitat ir-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji, kif ukoll il-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali ta' natura transkonfinali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' direttivi skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu regoli minimi. Dawn ir-regoli minimi għandhom jieħdu kont tad-differenzi bejn it-tradizzjonijiet u s-sistemi legali tal-Istati Membri.

Dawn għandhom jikkonċernaw:

(a) l-ammissibbiltà reċiproka tal-provi bejn l-Istati Membri;

(b) id-drittijiet tal-individwi fil-proċedura kriminali;

(ċ) id-drittijiet ta' vittmi tal-kriminalità;

(d)[...]."

10. Il-proposta attwali se tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tas-salvagwardji legali li jipproteġu lill-individwi involuti fil-proċedimenti mmexxijin mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Il-Proposta ppreżentata dan l-aħħar għal Regolament tal-Kunsill[5] tiċċara li persuna suspettata jkollha d-drittijiet kollha mogħtija mil-leġiżlazzjoni tal-UE kif ukoll drittijiet oħra li jirriżultaw direttament mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), li għandha tiġi applikata f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, u tirreferi b'mod espliċitu għad-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Bl-introduzzjoni ta' standards imsaħħa dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza fil-proposta attwali, is-salvagwardji proċedurali

5 Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, COM(2013) 534 final, 17.7.2013.

applikabbli quddiem l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew huma msaħħa wkoll.

11. L-Artikolu 6(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") jipprevedi li d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ("il-KEDB") u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, jikkostitwixxu l-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE. L-Artikolu 6(1) tat-TUE jipprevedi li l-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta, li għandha l-istess valur legali bħat-TFUE u t-TUE. Il-Karta hija indirizzata lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri meta jimplimentaw il-liġi tal-UE, bħal pereżempju fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali fl-Unjoni Ewropea.

12. L-Artikolu 47 tal-Karta jistabbilixxi d-dritt għal proċess ġust. L-Artikolu 48 jiggarantixxi d-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza u għandu l-istess tifsira u kamp ta' applikazzjoni bħad-dritt iggarantit mill-Artikolu 6(2) tal-KEDB[6]. L-Artikolu 6(2) tal-KEDB jipprevedi li kull min jiġi akkużat b'reat kriminali jitqies innoċenti sakemm jinstab ħati skont il-liġi. L-Artikolu 11(1) tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jissalvagwardja dan il-prinċipju bl-istess kliem. L-Artikolu 14(2) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi ("ICCPR")[7] fih dispożizzjoni simili ħafna.

13. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-KEDB. Il-Qorti ddeċidiet ripetutament li dan japplika ukoll għall-istadju ta' qabel il-proċess tal-proċedimenti kriminali[8] u li l-persuni suspettati jew akkużati jkollhom id-drittijiet skont l-Artikolu 6 tal-KEDB fl-istadji inizjali tal-interrogazzjoni mill-pulizija[9]. Il-Qorti ddeċidiet ukoll li dawn il-garanziji jridu japplikaw għax-xhieda kull meta dawn, fir-realtà, ikunu ssuspettati li wettqu reat kriminali, minħabba li l-kwalifika formali tal-persuna hija immaterjali[10].

14. Il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza ġie żviluppat matul is-snin. Il-QEDB iddeċidiet li l-Artikolu 6(2) tal-KEDB jinkludi tliet rekwiżiti ewlenin[11]: id-dritt li individwu ma jkunx ippreżentat pubblikament bħala kkundannat mill-awtoritajiet pubbliċi qabel is-sentenza finali[12], il-fatt li l-piż tal-provi jaqa' fuq il-prosekuzzjoni u li kwalunkwe dubju raġonevoli fuq il-ħtija għandu jibbenefika lill-persuna akkużata u d-dritt tal-persuna akkużata li tiġi infurmata dwar l-akkuża. Il-QEDB tirrikonoxxi wkoll l-eżistenza ta' rabta ċara bejn il-preżunzjoni tal-innoċenza u drittijiet oħra ta' proċess ġust, fis-sens li meta t-tali drittijiet jinkisru, il-preżunzjoni tal-innoċenza inevitabbilment tkun involuta wkoll: id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu, id-dritt li

---

6 ĠU C 303, 14.12.2007, p. 30. Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

7 999 U.N.T.S. 171. L-ICCPR huwa konvenzjoni internazzjonali dwar id-drittijiet ċivili u politiċi li nfetħet għall-firem permezz tar-riżoluzzjoni tal-Asseblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-16 ta' Diċembru 1966 li ġiet irratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE u għalhekk torbothom fil-liġi internazzjonali.

8 *Salduz vs it-Turkija* (sentenza tas-27.11.2008, rikors 36391/02, paragrafu 50).

9 *Idem*, paragrafu 52.

10 *Brusco vs Franza* (sentenza tal-14.10.2010, rikors 1466/07, paragrafu 47).

11 *Barberà, Messegué u Jabardo vs Spanja* (sentenza tas-6.12.1988, rikorsi 10588/83, 10589/83 u 10590/83). Ara wkoll *Allenet de Ribemont vs Franza* (sentenza tal-10.2.1995, rikors 15175/89).

12 *Minelli vs l-Isvezja* (sentenza tal-25.3.1983, rikors 8660/79).

wieħed ma jikkooperax u d-dritt għas-silenzju[13] u d-dritt għal-libertà (u li wieħed ma jinżammx f'arrest preventiv qabel il-proċess)[14].

15. Id-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess huwa dritt essenzjali tad-difiża. Id-dritt tal-persuna akkużata li tidher personalment fil-proċess huwa parti mid-dritt għal proċess ġust previst fl-Artikolu 6 tal-KEDB, kif interpretat mill-QEDB[15]. It-tisħiħ ta' dan id-dritt għalhekk jikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-dritt għal proċess ġust.

16. Id-dritt li l-persuna tkun informata bl-akkuża huwa kopert bid-Direttiva 2012/13/UE dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u għalhekk mhux kopert b'din id-Direttiva. L-arrest preventiv huwa s-suġġett ta' inizjattivi separati[16] u għalhekk mhux qed jiġi indirizzat f'din id-Direttiva. L-aspetti l-oħra kollha msemmija hawn fuq tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza jew marbutin magħha huma indirizzati f'din il-proposta.

17. Din id-Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi fil-livell tal-UE li jirregolaw ċerti aspetti tad-dritt tal-persuni suspettati jew akkużati li jitqiesu innoċenti, f'konformità mal-Programm ta' Stokkolma u l-każistika tal-QEDB. Għalhekk hija tippromwovi l-applikazzjoni tal-Karta, u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 47 u 48 tagħha, billi tibni fuq l-Artikolu 6 tal-KEDB kif interpretat mill-QEDB.

1.2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

18. Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati f'diversi okkażjonijiet.

19. Fl-2006 il-Kummissjoni ppubblikat Green Paper[17] dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza. F'dak iż-żmien, 11-il Stat Membru wieġbu għall-konsultazzjoni u esperti u prattikanti indipendenti ħadu din l-opportunità biex jindikaw erożjoni tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza u biex jenfasizzaw, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-investigazzjonijiet kontra l-persuni mhux nazzjonali jew mhux residenti, li l-prinċipju ta' "preżunzjoni tal-ħtija" jidher li huwa aktar u aktar tollerat fis-sistemi nazzjonali.

20. Il-Kummissjoni kellha wkoll kuntatt ma' partijiet interessati ewlenin u bbenefikat minn konsultazzjonijiet dwar l-inizjattivi l-oħra mehmuża ma' dan il-pakkett.

21. Fil-laqgħa tal-Grupp tal-Esperti dwar il-Politika Kriminali tal-UE tat-23 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni ġabret fehmiet minn akkademiċi, prattikanti, imħallfin, avukati tad-difiża u prosekuturi fuq is-suġġett.

22. Barra minn hekk, saret laqgħa mar-Rappreżentanti tal-Ministeri tal-Ġustizzja tal-Istati Membri u l-Kroazja speċifikament iddedikata lill-preżunzjoni tal-innoċenza fid-19 ta' Frar 2013.

---

13 *Funke vs Franza* (sentenza tal-25.2.1993, rikors 10828/84), *Murray vs ir-Renju Unit* (sentenza tat-8.2.1996, rikors 18731), *Saunders vs ir-Renju Unit* (sentenza tas-17.12.1996, rikors 19187/91).

14 Għajr meta l-interess pubbliku jiġġustifika tluq mill-prinċipju tad-dritt għal-libertà - *ara Kudla vs il-Polonja* (sentenza tas-26.10.2010, rikors 30210/96).

15 *Colozza vs l-Italja* (sentenza tat-12 ta' Frar 1985, rikors 9024/80).

16 COM(2011) 327 final, 14.6.2011. It-temi tal-Green Paper kienu l-arrest preventiv u r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ta' kustodja u dawk li ma jinvolvux il-kustodja. Il-Kummissjoni rċeviet 81 tweġiba mingħand l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili u l-NGOs. Sommarju tat-tweġibiet ġie ppubblikat fuq il-websajt tal-Kummissjoni. http://ec.europa.eu/justice/newsroom/criminal/opinion/110614_en.htm. Ara wkoll id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja (ĠU L 294, 11.11.2009, p. 20).

17 COM(2006) 174 final, 26.4.2006.

23. Barra dan, fil-qafas tal-istudju li twettaq għat-tħejjija tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta, tnieda stħarriġ onlajn fis-27 ta' Frar 2013 u ġie ppubblikat fuq il-websajt tad-DĠ Ġustizzja u tan-NĠE. Il-partijiet interessati ewlenin kollha kienu infurmati dwar dan l-istħarriġ bl-email u waslu aktar minn 100 risposta. L-istħarriġ iffoka mhux biss fuq is-sitwazzjoni legali fir-rigward tal-protezzjoni tad-dritt li wieħed jitqies innoċenti fl-Istati Membri, iżda fuq kollox fuq il-funzjonament tiegħu fil-prattika. Is-sejbiet ta' dan l-istħarriġ ġew inklużi fl-Anness III tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-Proposta. Il-Valutazzjoni tal-Impatt hija disponibbli hawn [http://ec.europa.eu/governance]. L-isħarriġ wera li l-livell tas-salvagwardji fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri huwa, b'mod ġenerali, aċċettabbli u ma jidhirx li hemm problema sistemika f'dan il-qasam. Madankollu, għad hemm punti li fihom is-salvagwardji legali għandhom jitjiebu. Barra minn hekk, il-ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza għadu jseħħ spiss wisq fl-UE.

2. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

2.1. ID-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Artikolu 1 — Suġġett

24. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tistabbilixxi regoli minimi dwar ċerti aspetti tad-dritt tal-persuni suspettati jew akkużati li jitqiesu innoċenti sakemm jinstabu ħatja permezz ta' sentenza finali. Id-Direttiva tkopri d-drittijiet li ġejjin: id-dritt li individwu ma jkunx ippreżentat bħala ħati mill-awtoritajiet pubbliċi qabel is-sentenza finali, il-fatt li l-piż tal-provi jaqa' fuq il-prosekuzzjoni u li kwalunkwe dubju raġonevoli fuq il-ħtija għandu jibbenefika lill-persuna akkużata, id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu, id-dritt li wieħed ma jikkooperax u d-dritt għas-silenzju. Id-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess huwa indirizzat ukoll f'din id-Direttiva.

Artikolu 2 — Kamp ta' Applikazzjoni

25. Id-Direttiva tapplika għall-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali sa mill-bidu nett tal-proċedimenti kriminali, anki qabel il-mument meta l-persuni suspettati jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-fatt li huma suspettati jew akkużati li wettqu reat kriminali. Tapplika sal-konklużjoni ta' tali proċedimenti, jiġifieri sakemm tingħata s-sentenza finali.

26. Id-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza jinkludi ħtiġijiet u livelli ta' protezzjoni differenti rigward il-persuni fiżiċi u l-persuni ġuridiċi, kif rikonoxxut fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu[18]. Din id-Direttiva tqis dawn id-differenzi u għalhekk tapplika biss għall-persuni fiżiċi.

27. Il-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni ġuridiċi għall-preżunzjoni tal-innoċenza hija madankollu żgurata permezz tas-salvagwardji eżistenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni, kif interpretati mill-qrati nazzjonali u mill-Qorti tal-Ġustizzja, u permezz tal-KEDB kif interpretata mill-QEDB.

28. L-approċċ "pass pass" ta' intervent tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tad-drittijiet tal-individwi fil-proċedura kriminali, huwa għalhekk miżmum u

[18] Ara, *inter alia*, il-Kawża C-301/04 P il-Kummissjoni vs SGL Carbon [2006] Ġabra I-5915; il-Kawża T-112/98 Mannesmannröhren-Werke vs il-Kummissjoni [2001] Ġabra II-732.

rispettat. Inizjattivi futuri f'dan il-qasam se jitqiesu skont l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-każistika.

Artikolu 3 – Preżunzjoni tal-innoċenza

29. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi d-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza.

Artikolu 4 — Referenzi pubbliċi għall-ħtija qabel il-kundanna

30. Il-QEDB stabbilixxiet bħala wieħed mill-aspetti bażiċi tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza l-fatt li qorti jew uffiċjal pubbliku ma jistgħux jippreżentaw pubblikament il-persuni suspettati jew akkużati daqslikieku kienu ħatja ta' reat jekk ma jkunux ittellgħu l-qorti u ġew kundannati permezz ta' ġudizzju finali[19]. Barra minn hekk dan il-prinċipju għandu japplika, skont il-każistika tal-QEDB, għall-awtoritajiet pubbliċi kollha[20]. Iż-żewġ sitwazzjonijiet jistgħu jinkoraġġixxu lill-pubbliku jemmen li dik il-persuna tkun ħatja u jippreġudikaw il-valutazzjoni tal-fatti mill-awtorità ġudizzjarja.

31. Dan il-prinċipju għandu jkun bla ħsara għall-possibbiltà ta' pubblikazzjoni, skont il-liġi nazzjonali, tad-deċiżjonijiet li jimponu sanzjonijiet wara proċedimenti amministrattivi.

Artikolu 5 – Piż tal-provi u standard tal-provi rikjest

32. Il-preżunzjoni tal-innoċenza tippresupponi li l-piż tal-provi jaqa' fuq il-prosekuzzjoni u kwalunkwe dubju dwar ħtija għandu jibbenefika lill-persuni suspettati jew akkużati (*in dubio pro reo*). Dan jippresupponi li sentenza tal-qorti għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza kif mressqa quddiemha u mhux biss fuq allegazzjonijiet jew suppożizzjonijiet. Dan huwa bla ħsara għall-indipendenza tal-ġudikatura meta tiġi vvalutata l-ħtija tal-persuna suspettata jew akkużata. Barra minn hekk, il-QEDB ammettiet li f'każijiet speċifiċi u limitati l-piż tal-provi jista' jiġi trasferiti fuq id-difiża. Dan l-Artikolu jirrifletti l-prinċipju tal-QEDB[21], li huwa meqjus bħala bilanċ korrett bejn l-interess pubbliku (il-ħtiġijiet tal-prosekuzzjoni) u d-dritt tad-difiża. Din id-Direttiva hija bla ħsara għall-possibbiltajiet għad-difiża li tippreżenta evidenza f'konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli.

Artikolu 6 u Artikolu 7 – Id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu u li ma jikkooperax, id-dritt għas-silenzju

33. Dawn iż-żewġ Artikoli jistabbilixxu d-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu u li ma jikkooperax u d-dritt għas-silenzju. Id-dritt li wieħed ma jiġix imġiegħel li jixhed kontrih innifsu u li jammettix il-ħtija u li ma jikkooperax u d-dritt għas-silenzju huma ġeneralment rikonoxxuti bħala standards internazzjonali li jinsabu fil-qalba tal-kunċett ta' proċess ġust skont l-Artikolu 6 tal-KEDB[22]. Il-motivazzjoni tagħhom tinsab, *inter alia*, fil-protezzjoni tal-persuna akkużata kontra ġegħil mhux xieraq mill-awtoritajiet, u b'hekk jikkontribwixxu biex jiġu evitati żbalji ġudizzjarji u biex jiġu ssodisfati l-għanijiet tal-Artikolu 6 tal-KEDB. Il-"grad tal-ġegħil" impost fuq il-persuni suspettati jew akkużati bil-ħsieb li jġiegħluhom jipprovdu informazzjoni dwar l-akkużi kontrihom ma jistax jeqred, anki għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni

---

[19] Ara *Minelli vs l-Isvizzera*.

[20] Ara *Allenet de Ribemont vs Franza*.

[21] Ara, *inter alia*, il-kawżi tal-QEDB *Salabiaku vs Franza* (sentenza tas-7.10.1988, rikors 10519/83), *Barberà, Messegué u Jabardo vs Spanja, Telfner vs l-Awstrija* (sentenza tal-20.3.2001, rikors 33501/96).

[22] Ara, *inter alia*, il-kawżi tal-QEDB *Funke vs Franza, Murray vs ir-Renju Unit*, *Saunders vs ir-Renu Unit*, *Heaney u McGuiness vs l-Irlanda* (sentenza tal-21.12.2000, rikors 34720/97), *Jalloh vs il-Ġermanja*(sentenza tal-11.7.2006, rikors 54810/00).

pubblika, l-essenza proprja tad-dritt tagħhom li ma jinkriminawx ruħhom u d-dritt tagħhom għas-silenzju[23]. L-Artikolu 3 tal-KEDB, dwar il-projbizzjoni tat-tortura, kif interpretat mill-QEDB, għandu f'kull każ jiġi rispettat.

34. Id-dritt li wieħed jinkriminax lilu nnifsu huwa primarjament jikkonċerna r-rispett tar-rieda tal-persuni suspettati jew akkużati li jibqgħu siekta u, b'mod partikolari, jippresupponi li l-prosekuzzjoni f'kawża kriminali tfittex li tagħti prova tal-kawża kontra l-persuni suspettati jew akkużati mingħajr ma tintuża l-evidenza miksuba permezz ta' metodi ta' sfurzar jew oppressjoni bi sfida tar-rieda tal-persuni suspettati jew akkużati. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt mhuwiex limitat għall-kawżi fejn ġiet eżerċitata forza fuq il-persuna akkużata jew fejn ir-rieda tal-persuna akkużata ġiet b'xi mod direttament imxejna[24]. F'dan is-sens, skont il-QEDB, id-dritt inkwistjoni huwa marbut mill-qrib mal-preżunzjoni tal-innoċenza li tinsab fl-Artikolu 6(2) tal-KEDB.

35. Il-persuni suspettati jew akkużati għandhom ikunu infurmati minnufih dwar id-dritt tagħhom li jibqgħu siekta, skont id- Direttiva 2012/13/UE. Din l-informazzjoni għandha wkoll tirreferi għall-kontenut tad-dritt għas-silenzju u l-konsegwenzi li jirriżultaw jekk wieħed jirrinunzja għal dan id-dritt jew jinvokah.

36. Kull inferenza miġbuda mill-fatt li l-persuni suspettati jew akkużati jagħmlu użu minn dawn id-drittijiet għandha tiġi eskluża. Mingħajr dan, id-dritt jkun purament illużorju jekk il-persuni suspettati jew akkużati jkollhom il-biża' li n-nuqqas ta' kooperazzjoni jew s-silenzju tagħhom se jintużaw kontrihom aktar tard fil-proċedimenti kriminali. Dan huwa l-uniku mod kif jista' jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv ta' dawn id-drittijiet mill-persuni suspettati jew akkużati mingħajr il-biża' li dan l-eżerċizzju jkun jista' jintuża kontrihom fi stadju aktar tard. Għalhekk, id-Direttiva tipprevedi wkoll rimedju speċifiku u immedjat li kull użu ta' evidenza miksuba bi ksur ta' dawn id-drittijiet mhuwiex permess, ħlief f'dawk iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali meta l-użu tat-tali evidenza ma jkunx ta' ħsara għall-ġustizzja kumplessiva tal-proċedimenti[25].

37. Il-fatt li l-ebda l-inferenza ma għandha tittieħed mill-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u li l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet ma għandux jintuża kontra l-persuni suspettati jew akkużati fi stadju aktar tard fil-proċedimenti kriminali, ma għandux iżomm lill-Istati Membri milli jikkunsidraw l-imġiba kooperattiva meta jiddeċiedu dwar is-sanzjoni konkreta li għandhom jimponu.

Artikolu 8 u Artikolu 9 – Id-dritt li wieħed ikun preżenti fil-proċess tiegħu

38. Jekk persuna ma tkunx preżenti waqt il-proċess, id-dritt tiegħu ta' difiża hija fil-periklu. L-imputat f'dan il-każ la jista' jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti quddiem il-Qorti u lanqas ma jista' jippreżenta l-evidenza xierqa. Għalhekk jista' jinsab ħati mingħajr ma kellu l-opportunità li jikkontesta r-raġunijiet għat-tali kundanna.

39. Id-dritt li jkun preżenti waqt il-proċess, jew li jkun jista' jirrinunzja għal dan id-dritt wara li jkun ġie informat dwaru, huwa indispensabbli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża.

40. L-Artikolu 8 jipprevedi li l-Istati Membri jridu jiżguraw li d-dritt li wieħed ikun preżenti japplika għal kull proċess bl-għan li tiġi vvalutata l-kwistjoni tal-ħtija tal-persuna akkużata (kemm id-deċiżjoni dwar il-kundanna u dik dwar il-liberazzjoni).

23 Ara *Heaney u McGuiness vs l-Irlanda*, paragrafi 55 u 58.
24 Ara *Allan vs ir-Renju Unit* (sentenza tal-5.11.1992, rikors 48539/99, paragrafu 50).
25 Ara *Allan vs ir-Renju Unit*, paragrafu 42.

Il-preżenza tal-persuna suspettata jew akkużata f'dan il-mument fil-proċedimenti kriminali hija ta' importanza partikolari minħabba l-konsegwenzi li dak il-mument jista' jkollu.

41. L-Artikolu 8 jistipula d-dritt stabbilit mill-QEDB ta' persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess u jistabbilixxi wkoll xi eċċezzjonijiet limitati għal dan id-dritt, b'mod konformi mal-Karta, il-KEDB u l-liġi tal-UE[26]. Sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 ikunu rispettati, xejn ma jiprojbixxi lill-Istati Membri milli jużaw il-"proċeduri simplifikati" għal-aktar reati minuri komuni. L-Artikolu 9 jistabbilixxi li rimedju, (kif stabbilit mill-QEDB) f'kawżi fejn id-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess ma jkunx ġie osservat, huwa l-obbligu li jsir proċess mill-ġdid[27].

Artikolu 10 – Rimedji

42. Il-QEDB sostniet konsistentement li l-aktar forma xierqa ta' rimedju għal ksur tad-dritt għal proċess ġust fl-Artikolu 6(2) tal-KEDB tkun li jiġi żgurat li l-persuni suspettati jew akkużati, sa fejn hu possibbli, jitqiegħdu f'pożizzjoni li fiha kienu jkunu li kieku d-drittijiet tagħhom ma jkunux ġew injorati[28].

Artikolu 11 –Ġbir ta' dejta

43. Sabiex jiġu mmonitorjati u evalwati l-effettività u l-effiċjenza ta' din id-Direttiva, hemm ħtieġa għal ġbir ta' dejta mill-Istati Membri fir-rigward tal-eżerċizzju tad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva. Id-dejta rilevanti tinkludi dejta rreġistrata mill-awtoritajiet ġudizzjarji u mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi rigward liema rimedju jiġi applikat kull meta jkun hemm ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti fil-proċess.

Artikolu 12 – Il-klawżola ta' nonregressjoni

44. L-għan ta' dan l-Artikolu huwa li jiżgura li l-iffissar ta' standards minimi komuni skont din id-Direttiva ma jkollux l-effett li jbaxxi l-istandards f'ċerti Stati Membri u li l-istandards iffissati fil-Karta u fil-KEDB jinżammu. Peress li din id-Direttiva tipprevedi regoli minimi, skont l-Artikolu 82 tat-TFUE, l-Istati Membri jibqgħu ħielsa li jiffissaw standards ogħla minn dawk maqbula f'din id-Direttiva.

Artikolu 13 – Traspożizzjoni

45. Dan l-Artikolu jeħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva sa xx/xx/201x u li, sal-istess data, jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponuha fil-liġi nazzjonali. Minħabba s-sempliċità tal-miżuri ta' traspożizzjoni li għandhom jiġu implimentati, il-Kummissjoni ma tirrikjedix dokumenti ta' spjegazzjoni biex twettaq ix-xogħol tagħha li tissorvelja t-traspożizzjoni tad-Direttiva. Il-miżuri individwali ta' traspożizzjoni li għandhom jiġu notifikati għandhom jispjegaw ruħhom biżżejjed.

Artikolu 14 – Dħul fis-seħħ

46. Dan l-Artikolu jipprevedi li d-Direttiva se tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

26 Ara d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU L 81, 27.3.2009, p. 24).

27 *Colozza vs l-Italja*.

28 Ara *Teteriny vs ir-Russja* (sentenza tat-30.6.2005, rikors 11931/03, paragrafu 56), *Jeličić vs il-Bosnja-Ħerzegovina* (sentenza tal-31.10.2006, rikors 41183/02, paragrafu 53), u *Mehmet u Suna Yiğit vs it-Turkija* (sentenza tas-17.7.2007, rikors 52658/99, paragrafu 47), *Salduz vs it-Turkija*, paragrafu 72.

2.2. IL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ

47. Teżisti varjazzjoni sinifikanti fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar id-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza u l-aspetti kollha tiegħu. Il-każistika tal-QEDB turi li twettaq ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet relatati tagħha għal proċess ġust b'mod regolari. Dan iwassal għan-nuqqas ta' fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stati Membri differenti tal-UE. B'riżultat ta' dan, l-awtoritajiet ġudizzjarji qegħdin isibuha bi tqila biex jikkooperaw ma' xulxin. Il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta turi li l-QEDB waħedha ma tiżgurax protezzjoni sħiħa tal-preżunzjoni tal-innoċenza: xi aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza ma tqiesux reċentement jew b'mod estensiv mill-QEDB, u l-proċedura ta' rimedju fil-QEDB tintervjeni biss *ex post*, wara li r-rimedji interni jkunu ntużaw kollha. Din id-Direttiva se tikkumplimenta s-salvagwardji previsti mill-QEDB u tiżgura li l-preżunzjoni tal-innoċenza tkun protetta mill-bidu tal-proċedimenti kriminali, inkluża l-possibbiltà li jsir rikors għall-mekkaniżmi ta' rimedju tal-UE.

48. L-għan tal-proposta ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom minħabba li l-mira tal-proposta hija li tippromwovi l-fiduċja reċiproka; trid tkun l-azzjoni meħuda mill-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi standards komuni konsistenti li japplikaw fl-Unjoni Ewropea kollha. Dan ġie kkonfermat mill-Programm ta' Stokkolma li fih il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjoni tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Il-proposta se tapprossimizza r-regoli proċedurali tal-Istati Membri dwar ċerti aspetti tad-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza u dwar id-dritt li wieħed ikun preżenti fil-proċess tiegħu fil-proċedimenti kriminali, bl-għan li tiżdied il-fiduċja reċiproka. Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

2.3. IL-PRINĊIPJU TAL-PROPORZJONALITÀ

49. Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi tillimita ruħha għall-minimu rikjest biex jinkiseb l-għan iddikjarat fil-livell Ewropew u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak l-iskop. Il-proposta tittratta biss ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza, li huma marbuta aktar direttament mal-funzjonament tal-istrumenti tar-rikonoxximent reċiproku u mal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'kwistjonijiet kriminali. Barra minn hekk, hija limitata għall-persuni fiżiċi. Dan huwa konformi mal-approċċ "pass pass" tal-intervent tal-UE fil-qasam tad-drittijiet proċedurali fi kwistjonijiet kriminali u l-ħtieġa ta' azzjoni proporzjonata.

3. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

50. Din il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE.

2013/0407 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[29],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[30],

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

(1) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li ttejjeb id-dritt għal proċess ġust fi proċedimenti kriminali billi tistabbilixxi regoli minimi dwar ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt li wieħed ikun preżenti fil-proċess.

(2) Billi tistabbilixxi regoli minimi dwar il-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati jew akkużati, din id-Direttiva għandha ssaħħaħ il-fiduċja tal-Istati Membri fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri l-oħra u b'hekk tista' tgħin biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonjiet f'kwistjonijiet kriminali. Tali regoli minimi komuni għandhom ukoll ineħħu l-ostakoli għall-moviment ħieles taċ-ċittadini fit-territorju kollu tal-Istati Membri.

(3) Il-Programm ta' Stokkolma[31] jpoġġi enfasi qawwija fuq it-tisħiħ tad-drittijiet tal-individwi fi proċedimenti kriminali. Fil-punt 2.4 tiegħu, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti biex tistabbilixxi approċċ pass pass għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-persuni suspettati jew akkużati. L-Aġenda tal-UE dwar id-drittijiet proċedurali hija mfassla biex topera bħala entità sħiħa, biss meta l-partijiet komponenti kollha tagħha jiġu implimentati u l-benefiċċji tagħha jinħassu kollha kemm huma.

(4) Fil-Programm ta' Stokkolma l-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex teżamina elementi ulterjuri tad-drittijiet proċedurali minimi għall-persuni suspettati jew akkużati, u biex tevalwa jekk elementi oħra bħal perezempju l-preżunzjoni tal-innoċenza, jeħtieġx li jiġu indirizzati, biex tkun promossa koperazzjoni aħjar f'dak il-qasam.

[29] ĠU C , , p. .
[30] ĠU C , , p. .
[31] ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

(5) Diġà ġew adottati tliet miżuri: Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32], id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] u d-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34].

(6) Din id-Direttiva għandha tapplika biss għall-proċedimenti kriminali. Il-proċedimenti amministrattivi li jwasslu għal sanzjonijiet bħal pereżempju l-proċedimenti tal-kompetizzjoni, il-kummerċ, it-taxxa, is-servizzi finanzjarji u investigazzjonijiet oħra mill-awtoritajiet amministrattivi rigward dawn il-proċedimenti, u wkoll il-proċedimenti ċivili mhumiex koperti b'din id-Direttiva.

(7) Din id-Direttiva għandha tiffaċilita l-applikazzjoni prattika tad-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza u l-aspetti differenti tiegħu kollha u wkoll id-dritt li persuna tkun preżenti fil-proċess tagħha, bl-iskop li jiġi ssalvagwardjat id-dritt għal proċess ġust.

(8) Din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni fiżiċi li jkunu suspettati jew akkużati li wettqu reat kriminali. Għandha tapplika f'kull stadju tal-proċedimenti, anki qabel ma l-persuni jiġu mgħarrfa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, permezz ta' notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li huma suspettati jew akkużati li wettqu reat kriminali, sal-konklużjoni tat-tali proċedimenti.

(9) Din id-Direttiva tirrikonoxxi l-ħtiġijiet u l-livelli differenti ta' protezzjoni ta' ċerti aspetti tad-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza fir-rigward tal-persuni fiżiċi u dawk ġuridiċi. Tali protezzjoni fir-rigward tal-persuni fiżiċi huwa rifless fil-każistika abbundanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, madankollu, rrikonoxxiet li d-drittijiet li jirriżultaw mill-preżunzjoni tal-innoċenza ma jakkumulawx għall-persuni ġuridiċi bl-istess mod li jakkumulaw għall-persuni fiżiċi.

(10) Fl-istat attwali ta' żvilupp tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u tal-każistika fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa prematur li wieħed jilleġiżla fil-livell tal-Unjoni dwar id-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza tal-persuni ġuridiċi.

(11) Il-protezzjoni tad-dritt tal-persuni ġuridiċi għall-preżunzjoni tal-innoċenza għandha tiġi żgurata mis-salvagwardji leġiżlattivi u l-każistika eżistenti, li l-evoluzzjoni tagħhom fil-ġejjieni għandha tiddetermina valutazzjoni tal-ħtieġa għal azzjoni tal-Unjoni.

(12) "L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew dawk ġudizzjarji" għall-finijiet ta' din id-Direttiva tirreferi għall-awtoritajiet pubbliċi li, skont il-liġi nazzjonali, jeżerċitaw setgħat fil-qasam ta' proċeduri kriminali.

(13) Il-preżunzjoni tal-innoċenza tinkiser jekk, qabel ma l-akkużat jinstab ħati skont il-liġi, deċiżjoni ġudizzjarja jew dikjarazzjoni pubblika minn awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet pubbliċi oħra tippreżenta lill-persuni suspettati jew akkużati bħala persuni kkundannati.

(14) Il-piż tal-provi jaqa' fuq il-prosekuzzjoni, u kwalunkwe dubju għandu jibbenefika lill-persuna akkużata. Għalhekk, il-preżunzjoni tal-innoċenza tinkiser jekk il-piż tal-provi

[32] Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1)

[33] Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1)

[34] Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

jkun trasferit mill-prosekuzzjoni għad-difiża, bla ħsara għal kull setgħa possibbli *ex officio* għas-sejbien ta' fatti tal-Qorti u bla ħsara għall-indipendenza tal-ġudikatura meta tiġi vvalutata l-ħtija tal-persuna suspettata jew akkużata.

(15) Madankollu, f'xi każijiet it-trasferiment tal-piż tal-provi għad-difiża ma għandux ikun kompatibbli mal-preżunzjoni tal-innoċenzja sakemm ikunu garantiti ċerti salvagwardji: għandu jiġi żgurat li l-preżunzjonijiet tal-fatti jew tal-liġi jkollhom limiti raġonevoli, li jqisu l-importanza tar-riskji involuti, u li jkunu konfutabbli, pereżempju permezz ta' evidenza ġdida dwar ċirkustanzi estenwanti jew fil-każ ta' *force majeure*.

(16) Id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu u li ma jikkooperax huwa aspett importanti tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Il-persuni suspettati jew akkużati ma għandhomx ikunu sfurzati, meta jintalbu biex jagħmlu dikjarazzjoni jew iwieġbu mistoqsijiet, biex jipproduċu evidenza jew dokumenti jew biex jipprovdu informazzjoni li tista' twassal għall-inkriminazzjoni tagħhom.

(17) Kull ġegħil użat biex tiġi obbligata l-persuna suspettata jew akkużata li tipprovdi informazzjoni għandu jkun limitat. Sabiex jiġi determinat jekk il-ġegħil ma kisirx dawk id-drittijiet, għandu jitqies dan li ġej, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ: in-natura u l-grad tal-ġegħil għall-kisba tal-evidenza, il-piż tal-interess pubbliku fl-investigazzjoni u l-piena tar-reat in kwistjoni, l-eżistenza ta' xi salvagwardji rilevanti fil-proċedura u kif jintuża l-materjal li jkun inkiseb b'dan il-mod. Madankollu, il-grad ta’ ġegħil impost fuq il-persuni suspettati jew akkużati bl-għan li dawn jiġu sfurzati biex jipprovdu informazzjoni dwar l-akkużi kontrihom ma għandux jeqred l-essenza stess tad-dritt tagħhom li ma jinkriminawx ruħhom u d-dritt tagħhom li jibqgħu siekta, anki għal raġunijiet ta’ sigurtà u ordni pubblika.

(18) Id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu u li ma jikkooperax ma għandux jestendi għall-użu fi proċedimenti kriminali ta’ materjal li jista’ jinkiseb mill-persuna suspettata jew akkużata permezz tal-użu ta’ setgħat legali ta' ġegħil iżda li jkollu eżistenza indipendenti mir-rieda tal-persuni suspettati jew akkużati bħal pereżempju materjal miksub wara l-ħruġ ta' mandat, materjal li fir-rigward tiegħu hemm obbligu legali taż-żamma u l-produzzjoni fuq talba, il-kampjuni tan-nifs, tad-demm u tal-awrina u t-tessut tal-ġisem għall-iskop ta’ testijiet tad-DNA.

(19) Id-dritt għas-silenzju huwa aspett importanti tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Għandu jservi bħala protezzjoni mill-awtoinkriminazzjoni.

(20) Id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu u li ma jikkooperax u d-dritt għas-silenzju għandhom japplikaw fir-rigward tal-mistoqsijiet relatati mar-reat li l-persuna tkun suspettata jew akkużata li wettqet u mhux, pereżempju, fir-rigward tal-mistoqsijiet relatati mal-identifikazzjoni personali ta' persuna suspettata jew akkużata.

(21) Id-dritt għal proċess ġust huwa wieħed mill-prinċipji bażiċi f’soċjetà demokratika. Id-dritt ta’ persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess huwa bbażat fuq dak id-dritt u għandu jkun garantit fl-Unjoni kollha.

(22) Madankollu, id-dritt tal-persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess mhuwiex assolut. Taħt ċerti kundizzjonijiet il-persuna akkużata tista’, espressament jew taċitament iżda inekwivokabbilment, tirrinunzja għal dan id-dritt.

(23) F’ċerti kundizzjonijiet iddefiniti sew li jiżguraw konformità effettiva mad-dritt għal proċess ġust, għandu jkun possibbli li prova li tirriżulta fid-deċiżjoni dwar il-ħtija jew l-innoċenza sseħħ fl-assenza tal-persuna suspettata jew akkużata.

(24) Din id-Direttiva ma għandhiex tirregola l-forom u l-metodi, inklużi r-rekwiżiti proċedurali, li jintużaw biex jinkisbu r-riżultati speċifikati fir-rigward tad-dritt li wieħed ikun preżenti fil-proċess tiegħu, li huma kwistjoni li tirrigwarda l-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri.

(25) Meta jkun qed jitqies jekk il-mod kif l-informazzjoni tingħata hux biżżejjed biex jiżgura l-għarfien tal-persuna dwar il-proċess, tista' tingħata wkoll, jekk ikun xieraq, attenzjoni partikolari lid-diliġenza eżerċitata mill-persuna kkonċernata sabiex tirċievi l-informazzjoni indirizzata lilha.

(26) Il-prinċipju tal-effettività tal-liġi tal-Unjoni jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu rimedji xierqa u effettivi fil-każ li jkun hemm ksur tad-dritt mogħti lill-individwi bil-liġi tal-Unjoni. Rimedju effettiv disponibbli fil-każ ta' ksur tal-prinċipji stabbiliti f'din id-Direttiva għandu jkollu, sa fejn hu possibbli, l-effett li jpoġġi lill-persuni suspettati jew akkużati fl-istess pożizzjoni li kienu jsibu ruħhom li kieku ma kienx seħħ il-ksur.

(27) Sabiex tiġi mmonitorjata u evalwata l-effettività ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiġbru dejta fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva. Din id-dejta għandha tinkludi dejta rreġistrata mill-awtoritajiet ġudizzjarji u mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fir-rigward tar-rimedju applikat meta jkun hemm ksur ta' kull wieħed mill-aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza koperti b'din id-Direttiva u ksur tad-dritt li persuna tkun preżenti fil-proċess tagħha.

(28) Din id-Direttiva ssostni d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali li jinsabu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, inklużi l-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-integrità tal-persuna, id-drittijiet tat-tfal, l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet tad-difiża.

(29) Billi din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi, l-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva sabiex jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni. Dan il-livell ogħla ta' protezzjoni ma għandux jikkostitwixxi ostakolu għar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji li dawk ir-regoli minimi huma mfassla li jiffaċilitaw. Il-livell ta' protezzjoni qatt ma għandu jaqa' taħt l-istandards previsti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jew il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, kif interpretati fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(30) Peress li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tistabbilixxi regoli komuni minimi għal ċerti aspetti tad-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza u għad-dritt li persuna tkun preżenti waqt il-proċess fi proċedimenti kriminali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala tal-miżura, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lilhinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(31) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

dawk l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva] JEW [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u bla ħsara għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, dawk l-Istati Membri mhumiex se jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbuta biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha][35].

(32) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 1
Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 1
Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar:

(a) ċerti aspetti tad-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza fi proċedimenti kriminali;

(b) id-dritt li wieħed ikun preżenti fil-proċess fi proċedimenti kriminali.

Artikolu 2
Kamp ta' Applikazzjoni

Din id-Direttiva tapplika għall-persuni fiżiċi li jkunu suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali sal-konklużjoni finali ta' dawk il-proċedimenti.

KAPITOLU 2
Id-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza

Artikolu 3
Il-preżunzjoni tal-innoċenza

L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jitqiesu innoċenti sakemm jinstabu ħatja skont il-liġi.

Artikolu 4
Referenzi pubbliċi għall-ħtija qabel il-kundanna

L-Istati Membri jridu jiżguraw li, qabel kundanna definittiva, d-dikjarazzjonijiet pubbliċi u d-deċiżjonijiet uffiċjali mill-awtoritajiet pubbliċi ma jirriferux għall-persuni suspettati jew akkużati daqslikieku kienu ġew ikkundannati.

L-Istati Membri jridu jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa fil-każ ta' ksur ta' dak ir-rekwiżit.

---

35 Id-diċitura finali ta' din il-premessa fid-Direttiva tiddependi mill-pożizzjoni li jieħdu r-Renju Unit u l-Irlanda skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll (Nru 21).

Artikolu 5
Piż tal-provi u standard tal-provi meħtieġa

1. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-piż tal-provi fl-istabbiliment tal-ħtija tal-persuni suspettati jew akkużati jaqa' fuq il-prosekuzzjoni. Dan huwa bla ħsara għal kull setgħa *ex officio* għas-sejbien ta' fatti tal-qorti fejn isir il-proċess.

2. L-Istati Membri jridu jiżguraw li kull preżunzjoni li titfa' l-piż ta' provi fuq il-persuni suspettati jew akkużati tkun ta' importanza biżżejjed biex jiġi ġustifikat il-fatt li jitwarrab dak il-prinċipju u tkun konfutabbli.

Sabiex tiġi kkonfutata t-tali preżunzjoni jkun biżżejjed li d-difiża tagħti biżżejjed evidenza li tqajjem dubju raġonevoli dwar il-ħtija tal-persuni suspettati jew akkużati.

3. L-Istati Membri jridu jiżguraw li meta qorti tal-proċess tagħmel valutazzjoni dwar l-ħtija ta' persuna suspettata jew akkużata u hemm dubju raġonevoli dwar il-ħtija ta' dik il-persuna, il-persuna kkonċernata għandha tkun liberata.

Artikolu 6
Id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu u li ma jikkooperax

1. L-Istati Membri jridu jiżguraw li persuni suspettati jew akkużati jkollhom id-dritt li ma jinkriminawx ruħhom u li ma jikkoperawx f'kull proċediment kriminali.

2. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 ma jestendix għall-użu fi proċedimenti kriminali ta' materjal li jista' jinkiseb mill-persuni suspettati jew akkużati permezz tal-użu ta' setgħat legali ta' ġegħil iżda li jkollu eżistenza indipendenti mir-rieda tal-persuni suspettati jew akkużati.

3. L-eżerċizzju tad-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu jew tad-dritt li ma jikkooperax ma għandhux jintuża kontra persuna suspettata jew akkużata fi stadju aktar tard tal-proċedimenti u ma għandux jitqies bħala konferma tal-fatti.

4. Kull evidenza miksuba bi ksur ta' dan l-Artikolu ma tkunx ammissibbli, sakemm l-użu tat-tali evidenza ma jkunx ta' ħsara għall-ġustizzja kumplessiva tal-proċedimenti.

Artikolu 7
Id-dritt għas-silenzju

1. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jkollhom id-dritt li jibqgħu siekta meta jiġu interrogati, mill-pulizija jew awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew awtoritajiet ġudizzjarji oħra, fir-rigward tar-reat li huma ssuspettati jew akkużati li wettqu.

2. L-Istati Membri jridu jgħarrfu minnufih lill-persuna suspettata jew akkużata bid-dritt tagħha li tibqa' siekta, u jispjegaw il-kontenut ta' dan id-dritt u l-konsegwenzi ta' jekk tirrinunzah jew tinvokah.

3. L-eżerċizzju tad-dritt għas-silenzju ma għandux jintuża kontra persuna suspettata jew akkużata fi stadju aktar tard tal-proċedimenti u ma għandux jitqies bħala konferma tal-fatti.

4. Kull evidenza miksuba bi ksur ta' dan l-Artikolu ma tkunx ammissibbli, sakemm l-użu tat-tali evidenza ma jkunx ta' ħsara għall-ġustizzja kumplessiva tal-proċedimenti.

KAPITOLU 3
Id-dritt li persuna tkun preżenti waqt il-proċess tagħha

Artikolu 8
Id-dritt li persuna tkun preżenti waqt il-proċess tagħha

1. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jkollhom id-dritt li jkunu preżenti fil-proċess tagħhom.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu possibbiltà li biha l-qorti tal-proċess tkun tista' tiddeċiedi dwar il-ħtija fl-assenza tal-persuna suspettata jew akkużata, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata:

(a) fi żmien debitu:

(i) jew kienet ikkonvokata personalment u għaldaqstant infurmata bid-data u l-post ippjanati tal-proċess, jew b'mezzi oħra effettivament irċeviet informazzjoni uffiċjali tad-data u l-post ippjanati ta' dak il-proċess b'tali mod li ġie stabbilit inekwivokabbilment li hija kienet konxja mill-proċess ippjanat;

u

(ii) kienet infurmata li tista' tingħata deċiżjoni jekk ma tidhirx għall-proċess; jew

(b) konxja mill-proċess ippjanat, kienet tat mandat lil konsulent legali, li kien innominat mill-persuna konċernata jew mill-Istat, biex jiddefendiha fil-proċess, u kienet fil-fatt ġiet difiża minn dak il-konsulent fil-proċess.

3. Jekk il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2 ma jkunux ġew issodisfati, Stat Membru jista' jipproċedi għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni maħsuba f'dak il-paragrafu jekk, wara li kienet innotifikata bid-deċiżjoni u kienet infurmata espressament bid-dritt għal proċess mill-ġdid, jew appell, li fih il-persuna għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermetti d-determinazzjoni mill-ġdid tal-merti tal-kawża, inkluża l-eżaminazzjoni ta' evidenza ġdida, u li jista' jwassal biex id-deċiżjoni oriġinali tinbidel kompletament, il-persuna:

(a) iddikjarat espressament li ma tikkontestax id-deċiżjoni;

jew

(b) ma talbitx proċess mill-ġdid jew appell f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

Artikolu 9
Id-dritt għal proċess mill-ġdid

L-Istati Membri jridu jiżguraw li meta l-persuni suspettati jew akkużati ma jkunux preżenti fil-proċess imsemmi fl-Artikolu 8(1) u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(2) u (3) ma ġewx issodisfati, il-persuni kkonċernati jkollhom id-dritt għal proċess ġdid li fih ikollhom id-dritt li jkunu preżenti u li jippermetti determinazzjoni mill-ġdid tal-merti tal-kawża, inkluża l-eżaminazzjoni ta' evidenza ġdida, u li jista' jwassal biex id-deċiżjoni oriġinali tinbidel kompletament.

KAPITOLU 4
Dispożizzjonijiet ġenerali u finali

Artikolu 10
Rimedji

1. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jkollhom rimedju effettiv jekk id-drittijiet tagħhom taħt din id-Direttiva ma jiġux rispettati.

2. Ir-rimedju jrid ikollu, sa fejn hu possibbli, l-effett li jpoġġi lill-persuni suspettati jew akkużati fl-istess pożizzjoni li kienu jsibu ruħhom fiha li kieku ma kienx seħħ it-tali ksur, bil-ħsieb li jiġi preservat id-dritt għal proċess ġust u d-dritt għal difiża.

Artikolu 11
Ġbir tad-dejta

L-Istati Membri, sa […] u kull tliet snin wara dan, iridu jibagħtu lill-Kummissjoni dejta li turi kif id-drittijiet taħt din id-Direttiva ġew implimentati.

Artikolu 12
Klawżola ta' nonregressjoni

Xejn f'din id-Direttiva ma jrid jiġi miftiehem bħala li jillimita jew jidderoga minn xi drittijiet u salvagwardji proċedurali li huma żgurati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali jew dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-liġi internazzjonali jew il-liġi ta' kull Stat Membru li jipprovdu livell ta' protezzjoni ogħla.

Artikolu 13
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri jridu jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [18-il xahar wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri dawn iridu jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri jridu jiddeċiedu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri jridu jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 14
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 15
Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*